**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 31 ta' Jannar, 2017

Rikors Guramentat numru : 410/08 AL

A S B
(Karta ta' l-identita numru 498661 M)

vs

C B
(Karta ta' l-identita numru 612363 M)

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi fit-8 ta' Lulju 1989 hija izzewget lill-konvenut u il-partijiet kellhom tifla – D li twieldet fis-6 ta' Frar 1994;
2. Illi l-konvenut rrenda ruhu hati versu l-attrici ta' sevizzi, eccessi u ingurji gravi;
3. Illi z-zwieg bejniethom tkisser irrimedjabilment tort unikament l-istess konvenut;

4. Illi minkejja li saru tentattivi biex jintlahaq ftehim bonarju anki tramite il-procedura ta' medjazzjoni, il-partijiet ma waslu ghall-ebda ftehim u ghalhekk kellha tinghalaq il-medjazzjoni;
5. Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment;

Talbet li il-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-konjugi kontendeni minhabba htija unikament da parti tal-konvenut;
2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri D f'idejha b'access ghall-intimat skont kif iffissat minn din il-Qorti;
3. Tordna lill-konvenut ihallas manteniment ghaliha u ghall-minuri skont kif iffissata mill-istess Qorti;
4. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Kapitolu 16 *in toto* jew *in parte;*
5. Tiddikjara xolta il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jigu divizi bejn il-partijiet, okkorrendo b'opera ta' perit nominandi sabiex jillikwida l-istess komunjoni;
6. Tawtorizza lill-attrici tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut;
7. Tawtorizza lill-attrici terga tibda tuza kunjom xbubitha;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mill-attrici kontra l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni. Bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li permezz taghha jecepixxi:

1. Illi t-talbiet tal-attrici huma infondati fil-fatt kif ukoll bhala dritt u dan kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
2. Illi di piu hija l-attrici li tahti ghat-tifrik taz-zwieg bl-attittudini negattiva u agressiva taghha u ghalhekk din il-Qorti ghandha tapplika dawk is-sanzjonijiet tal-Ligi kontra taghha;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet. Jiġi nnotat li m'hemm l-ebda kontro-talba da parti tal-intimat. Issir referenza għar-rikors promotur li permezz tiegħu, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna u cioe:

- Tiddikjara li kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-intimat minħabba ħtijiet imputabbli lilu;
- Għal dak li jirrigwarda l-minuri D, tikkontendi li għandha tiġi fdata bil-kura u l-kustodja tagħha b'aċċess għall-intimat;
- Rigward manteniment titlob retta xierqa għaliha u għal bintha minuri;
- Titlob li l-Qorti tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Titlob it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u l-qasma tagħha;
- Titlob li fid-dar taż-żwieġ jgħixu biss hi u bintha ad esklużjoni tal-konvenut;
- Titlob li tkun awtorizzata tirriverti għal kunjom xbubitha;

1. **<u>Dwar ir-Responsabilita` għat-Tkissir taż-Żwieġ</u>**

Dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti, il-Qorti fl-ewwel lok, tagħmel referenza għall- Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipula:

"***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew***

***minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

Permezz tas-sentenza fl-ismijiet Caterina Agius vs. Benedict Agius[1] ġie enunċjat illi l-Liġi tqiegħed bħala motivi illi jiġġustifikaw l-azzjoni tas-separazzjoni personali, l-episodji saljenti tal-ħajja konjugali, u mhux inċidenti minuri.

L-attriċi tattribwixxi lil żewġha il-ħtijiet ta' sevizzi, eċċessi u inġurji gravi fil-konfront tagħha.

Fil-każ fl-ismijiet Elisa Thompson vs. Edward Thompson,[2] ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Il-moħqrija, kif imsemmija fl-Artikolu 40 appena ċċitat, bħala bażi għas-separazzjoni personali, ġiet ritenuta minn ġurisprudenza kostanti bħala "sevizzi".[3] Fis-sentenza fl-ismijiet A Mifsud vs. Vincenzo Mifsud[4], deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, ġie enunċjat illi: *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi".*

L-attriċi taddebita wkoll lil żewġha t-theddid u l-vjolenza. Dwar dawn *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħażina u mhux b'xi atti iżolati waqt xi tilwima."*[5]

Illi l-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tistax tiġi ġustifikata. Skond kif ppronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond

---

[1] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Ġunju 1967 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[2] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[3] Ara s-Sentenza fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[4] Vol. XLV C.ii.708

[5] Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud, Appell Ċivili, 21 ta' Frar 1969

Tabone[6]: *"Il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha;"*[7] Skond l-istess Qorti *"Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta` li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taż-żwieġ"*[8].

Fis-sentenza ġja ċċitata fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, l-inġurji jew offiżi gravi ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz".*

Fis-sentenza, ġja ċċitata, A Mifsud vs. Vincenzo Mifsud, ġie ritenut "*l-inġurji gravi ma ġewx speċifikament deżinjati mid-duttrina, imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom."* Gie ritenut ukoll illi l-ingurji jridu: *"joffendu l-persuna li kontra tagħha huma diretti b'mod li jiġġeneraw dulur, eżaċerbazzjoni u avverżjoni profonda kontra l-konjuġi li jkun ħati tagħhom."*[9]

Permezz tal-affidavit tagħha[10], ir-**rikorrenti** tirrakkonta kif ta' sikwit kienu jinqalgħu argumenti bejn il-partijiet, u l-konvenut kien isawwatha u jagħtiha bil-ponn ġo darha. Hija esebiet żewġ ċertifikati mediċi in sostenn ta' dan, iddatati 13 ta' Novembru 1991 u 9 ta' Settembru 1992[11]. Kull meta kien isawwatha, l-attriċi kienet tmur għand oħtha.

Inoltre', n-neputija tal-attriċi, Mary Dalli[12], xehdet li quddiemha l-konvenut qatt ma refa' jdejh fuq zijitha l-attriċi, iżda ħafna drabi kienet tisma' lill-konvenut jgħajjat u jgħajjar liz-zija injoranta u mogħża. *"Nistqarr li waħda mir-raġunijiet li kont irrid immur għandha fil-weekend għax kont nibża li jsawwatha u joqtolha."* Tikkonferma dak li xehdet l-attriċi illi wara xi xenata, hija kienet tmur għand oħtha u tqatta' xi jiem hemmhekk. Ix-xhud rat it-tbenġil fuq zijitha f'diversi okkażjonijiet.

Fiż-żmien li l-attriċi kienet tqila bit-tifla u sa madwar sena u nofs mit-twelid tagħha, huwa ma baqax isawwatha, iżda mbagħad reġa beda l-iswat, id-daqqiet ta' ponn u t-tgħajjir. L-ewwel darba li għamlet il-kuraġġ li tagħmillu

---

[6] Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003

[7] Genoveffa Magri vs. Joseph Magri, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.

[8] Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003

[9] Vol. XXXI, PI p.2000

[10] Ara fol. 18 tal-proċess et seq.

[11] Fol. 22 u 23 rispettivament

[12] L-affidavit tagħha jinsab fol. 37 tal-proċess

rapport mal-Pulizija kien fil-festa ta' San Gejtanu tas-sena 2001[13] fejn beda jimbottaha t-taraġ. Hija ma pproċeditx kontrih b'kawża.

F'Marzu 2005, kien hemm argument kbir ieħor bejn il-partijiet fejn il-konvenut kien qabad lill-attriċi minn għonqha, għollieha u sabbatha mal-art. Dak in-nhar hija għamlet ċertifikat mediku u rapport il-Pulizija[14] mingħajr ma pproċediet kontrih bil-Qorti. Meta mitkellem mill-Pulizija, il-konvenut ammetta illi kien attakka lil martu wara li hija kienet insulentatu.

L-agħar argument inqala' fid-29 t'April 2008 fejn il-konvenut qabad lil-attriċi minn għonqha, u sabbtilha rasha u beda jagħtiha bis-sieq u bil-ponn fejn intilfet minn sensiha. L-inċident seħħ quddiem bint il-partijiet li twerwret, bdiet twerżaq biex iħalliha għax beżgħet li ser joqtolha. L-għada marret il-policlinic minn fejn irriferewha għall-isptar[15] u rrappurtaw il-każ lill-Pulizija[16]. Dwar dan l-inċident, hija pproċediet bil-Qorti kontra żewġha, kif ukoll bdiet il-proċeduri odjerni ta' separazzjoni. Anke f'din l-okkażjoni, meta mitkellem mill-Pulizija, il-konvenut stqarr li huwa ilu jiġi pprovokat minn martu, iżda dak inhar *"intilef u ġie mument ikrah fuqu, imbuttaha u qabadha minn .għonqha"*. L-attriċi ppreżentat ukoll ritratti sabiex turi l-feriti minnha sofferti[17].[18] Il-konvenut kien instab ħati fuq dan l-inċident u l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali b'sentenza mogħtija fis-7 ta' Jannar 2009[19] illiberatu bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur, u ordnat il-ħruġ ta' garanzija favur l-attriċi ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali[20].

L-attriċi inoltre tallega li l-konvenut kien jinsisti li t-tifla torqod f'nofshom u li darba minnhom ħasset idejh bejn saqajn it-tifla li kellha biss erba' snin. Wara ħafna snin, hija ressqet dan l-ilment tagħha lill-Aġenzija Appoġġ li kienet għaddiet l-ilment lis-Servizz għall-Ħarsien tat-Tfal. F'April 2006, l-attriċi kienet infurmat lill-Appoġġ illi s-Servizz għall-Ħarsien tat-Tfal kienu waqqfu l-investigazzjonijiet tagħhom.[21] Dwar din l-allegazzjoni, il-konvenut jgħid li din kienet qlajja' ta' martu fost diversi qlajjiet li kienet tħobb taqla' fuqu. Huwa mar sija l-Kurja kif ukoll id-depot fejn qalilhom b'din il-qlajja li

[13] Rapport esebit fol. 24
[14] Rapport esebit fol. 27
[15] Ċertifikat mediku esebit fol. 30
[16] Rapport esebit, fol. 33
[17] Fol. 35
[18] Ġie esebit ukoll il-file mediku tal-attriċi darbtejn fol. 167 u fol. 514 minn fejn jirriżulta r-record ta' dawn il-feriti.
[19] Fol. 53
[20] Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta
[21] Notamenti mill-fajl tal-Aġenzija Appoġġ, fol. 512

kienet iffabbrikat martu, fejn ingħata l-parir li biex toħroġ il-verita' bintu riedet tgħaddi minn trawma kbira u għalhekk ma kien għamel xejn iżjed.

L-attriċi żżid li żewġha kien spiss joħroġ waħdu jew imur xi barbikju ma' xi ħbieb, u saħansitra siefer fuq cruise ma' żewġt'iħbieb.

L-attriċi tilmenta wkoll li żewġha kien iħalliha nieqsa mill-flus. Meta kellhom il-ħanut minkejja li kienet tgħinu, ma kienx jgħaddilha flus jew kien jgħaddilha ftit wisq. Qabel ma ħarġet taħdem, kull ma kien baqagħlha mit-tfaddil tagħha ta' xebba kienu Lm50. *"Manteniment għall-ħajja kien jagħtini Lm5, Lm10, Lm15... Jien kelli noħroġ naħdem fl-1994 peress li ma kienx jagħtini flus u wara, aktar u aktar ma kienx jagħtini...flus id-dar ma kellix, innaqqar innaqqar ma fadalli xejn. Kont innaqqar minn dak li kelli xebba."*[22]

Min-notamenti[23] tal-file tal-Aġenzija Appoġġ, oltre l-ilmenti dwar il-vjolenza domestika li kienet tiġi eżerċitata fuqha, hija lmentat ukoll diversi drabi[24] li r-raġel ma kienx jagħtiha flus għal-ħajja. *"Is-Sinjura B kienet inkwetata ħafna għaliex kienet tinstab mingħajr flus għaliha nnifisha u għat-tifla."* Il-konvenut jiċħad din l-allegazzjoni u jgħid li huwa kien jagħtiha għoxrin Lira iżda kien jixtri kollox hu inkluż ħut u laħam, oltre li jħallas il-kontijiet kollha.

Illi f'diversi sentenzi tal-Qrati fosthom Speranza Salerno vs. Giuseppe Salerno[25], ġie ritenut:- *"che l'avarizia quando e portata agli eccessi puo essere cagione di continue ad incessanti molestie e sevizie da rendere insopportabile la convivenza coniugale".* Fis-sentenza Cine Bonello pro. et noe. vs. John Bonello[26] jingħad illi *"fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal stratagemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għal eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili"*.

---

[22] Xhieda tal-attriċi tat-28 ta' Settembru 2011, quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Barbara O' Brien fol. 494.

[23] Fol. 510

[24] 4 t'April 2005, 23 ta' Settembru 2005

[25] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1933, Vol. XXVIII F p.44, kif rappurtata fis-sentenza Tanya Montesin pro. et noe. vs. Emmanuel Montesin, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1311/2000/1RCP)

[26] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta` Novembru 1999, kif rappurtata fis-sentenza Tanya Montesin pro. et noe. vs. Emmanuel Montesin, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1311/2000/1RCP)

L-intimat, filwaqt ma jopponix it-talba għas-separazzjoni personali, jaddebita lil martu bit-tortijiet tat-tkissir taż-żwieġ minħabba l-attitudni negattiva u aggressiva tagħha.

Permezz tal-affidavit tiegħu[27], l-**intimat** jispjega kif martu kienet dejjem tbati minn *inferiority complex* u kienet theddu li għad trid titfgħu il-ħabs jew teħodlu kollox. Hija kienet taħseb ħażin f'kollox u ma temmnux meta l-ispejjeż tal-proġetti tal-bini kienu jeċċedu l-istimi tal-Perit.
Huwa jallega li martu kienet tisirqu mill-flus tal-ħanut u tkaxkar il-flus għand oħtha. *"Il-mara kienet sikwit tiġi l-ħanut u kienet tisraqli l-flus tant li darba sibtilha mazz karti tal-għaxar Lirijat"* Il-mara kienet pikuża anke fuq affarijiet żgħar bħal ma huma fuq liema naħa tat-triq għandhom jimxu.

Fuq kollox jilmenta fuq in-nuqqas ta' żamma tajba tad-dar matrimonjali u jesebixxi diversi ritratti moqżieża tal-ħmieġ li kien hemm fid-dar, inkluż ħmieġ tal-klieb, kif ukoll ikel immuffat[28]. Ir-ritratti huma ddatati lejn l-aħħar ta' Jannar 2009. Jgħid li din kienet waħda mir-raġunijiet għat-tkissir taż-żwieġ: *"Waħda mir-raġunijiet li tkisser iż-żwieġ kien li kienet mara traskurata u kienet tħalli id-dar maħmuġa bil-ħmieġ u l-pipi tal-kelb għal ġimgħat u xhur sħaħ."* Inoltre meta kien jipprova jikkoreġiha kienet tinfexx f'ħafna dagħa u ħafna ġlied. Kienet tindirizzah bħala Ġaħan u tara kif taqla' l-inkwiet minn kull ħaġa ta' xejn.

Il-konvenut jagħlaq l-affidavit tiegħu hekk: *"Forsi issa sa tgħidli meta ġara l-każ, kif sirt vjolenti? Ir-risposta tiegħi hi għax ma flaħtx nissaporti iżjed tgħajjir, mibegħda, ħdura u viljakkerija jum wara l-ieħor."*

Il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut huwa ħati ta' nġurji gravi u moħqrija fil-konfront ta' martu, liema moħqrija tikkonsisti sija fi vjolenza fuq il-persuna tagħha u sija fix-xeħħa.

Dan ma jfissirx illi l-attriċi hi nieqsa minn kull ħtija. Irriżulta li hija kienet tagħmel diversi allegazzjonijiet infondati fil-konfront ta' żewġha, bħalma hija l-allegazzjoni serja li huwa kien jabbuża minn binthom, dwar liema allegazzjoni ħadet azzjoni biss wara ħafna snin u ma rriżulta xejn. Kienet ukoll tipprovokah billi ssakkar ċerti kmamar fid-dar. Jirriżulta li hija kienet tidgħi kontinwament u tgħid kliem mhux xieraq, liema diskors joħloq ambjent xejn feliċi fid-dar. Jirriżulta li l-attriċi ġiet anke mitkellma mill-Pulizija dwar il-mod kif kienet tgħajjar lil żewġha u tinsulentah, fejn hija

[27] Fol. 338
[28] Fol. 532 et seq

saħansitra ammettiet dan in-nuqqas tagħha. Għalhekk hija wkoll ħatja ta' nġurji gravi fil-konfront ta' żewġha.

Il-Qorti ma taqbilx mal-konvenut illi t-tifrik taż-żwieġ seħħ minħabba n-nuqqas ta' żamma ta' ndafa fid-dar. Fil-waqt illi l-Qorti taqbel illi it-taqlib li rriżulta fid-dar u ċertu ħmieġ huwa moqżież u inaċċettabbli, ladarba l-partijiet kienu t-tnejn okkupati bi qligħ barra mid-dar, allura r-responsabilita' taż-żamma tad-dar waqgħet fuq iż-żewġ konjuġi u mhux biss fuq il-mara, kif jippretendi l-konvenut.
Għalhekk fil-waqt illi l-Qorti tiddikjara illi hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, it-tort huwa attribwibbli liż-żewġ partijiet b'dana illi l-attriċi għandha terz tat-tort u l-konvenut għandu żewġ terzi.

## 2. Dwar il-Kura u Kustodja u Aċċess tal-minuri D

Billi bint il-partijiet D, hija llum maġġorenni, m'hemmx iktar lok li l-Qorti tippronunzja ruħha dwar il-kura u l-kustodja tagħha u għalhekk ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din it-talba.

## 3. Dwar il-Manteniment

### 3.1 Dwar il-Manteniment għall-attriċi

Permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' Frar 2016[29], il-Qorti rriduċiet il-manteniment pagabbli mill-konvenut lill-attriċi għas-somma ta' €90 fix-xahar minn €150 fix-xahar[30]. Sabiex tikkonstata l-manteniment, il-Qorti hija obbligata tevalwa l-mezzi tal-partijiet u ċ-ċirkostanzi kollha tagħhom.

Fil-bidu taż-żwieġ il-konvenut kellu ħanut tal-*grocer*. Wara sentejn taż-żwieġ, neħħa l-ħanut. L-attriċi bdiet taħdem bħala *chambermaid*. Sadanittant, il-konvenut beda jiġġestixxi ħanut ieħor fil-Ħamrun. L-attriċi kienet tgħinu billi kienet taċċetta x-xogħol mill-aġenti fid-dar u tistivah. Jirriżulta li minn dawn il-ħwienet li kien jiġġestixxi l-konvenut, huwa kellu qligħ ferm tajjeb għaliex kien ikollu bejgħ li jeċċedi Lm200 kuljum.[31] Meta neħħa l-ħanut għamel madwar erba' snin jarma fuq il-Monti sal-2002, fejn

---

[29] Fol. 1023

[30] Dan l-ammont kien ġie stabbilit permezz ta' digriet ta' din il-Qorti tal-20 ta' Novembru 2013.

[31] Dana jirriżulta mill-pitazzi esebiti Dok. MAA1 u MAA2 fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2011, fol 500.

hemmhekk kien iddeċieda li jitla' Wales biex isib ix-xogħol hemmhekk. Iżda din l-avventura spiċċat madwar erba' xhur wara.

Jirriżulta[32] illi l-konvenut ħadem għal żmien qasir ta' madwar tliet ġimgħat ma' ċertu Daniel Coppini bħala promoter. Minn dan ix-xogħol qala' €105[33]. Huwa kien jaħdem ukoll ma' Sino Trade Limited[34] għal 8 sigħat fil-ġimgħa u jaqla' €200 fix-xahar[35]. Kien beda jaħdem ukoll ma' Sara Grech Limited bħala aġent tal-propjeta' mit-2 ta' Mejju 2009. Fi żmien ta' sena minn dan l-impjieg huwa daħħal €5713.33[36] li minnhom ried jaqta' l-V.A.T. Inoltre, kif jirriżulta mix-xhieda ta' Rita Vanoevelen[37], huwa kien jagħmilha wkoll ta' sensar b'mod privat. Kien jagħmel ukoll xogħol ta' xufier ta' minibus ma ċertu Manuel Micallef ta' Jaguar Garage[38]. Dana mhux bħala impjegat tagħhom, iżda bħala sostitut meta jkollhom xi xufier bis-*sick* jew bil-*leave*. Huwa kien jaqla €3.50 għal kull trip[39]. Dan kien isir bil-vann bin-numru ta' reġistrazzjoni LVY170, li x-xhud kien iħallih f'idejn il-konvenut biex jekk jinqala' xi ħaġa u jkollu bżonn trip, jiffrankaw il-ħin.

Permezz tar-rikors tiegħu tal-25 ta' Jannar 2016[40], il-konvenut iddikjara illi huwa qiegħed mingħajr xogħol għaliex waqqaf ix-xogħol tiegħu ta' sensar billi kien qed jagħmel iktar spejjeż milli qligħ.

Rigward l-attriċi, mill-1994 'il quddiem, hija dejjem ħadmet bħala *chambermaid* jew ħassiela ma' diversi ristoranti u lukandi.[41] Wara l-inċident li nqala' f'April 2008, fejn l-attriċi sofriet swat mingħand żewġha, hija ma baqgħetx taħdem daqs qabel iżda naqset is-sigħat tax-xogħol sa ta' massimu 24 siegħa fil-ġimgħa.

Damet taħdem bħala *kitchen hands* mas-Seabank Hotel sal-aħħar ta' Lulju 2013, meta mbagħad mardet. F'temp ta' tliet xhur, iddaħħlet erba' darbiet l-Isptar. Dana jirriżulta mill-*case summary* tal-Isptar. Meta reġgħet

---

32 Ara x-xhieda ta' Daniel Coppini tat-22 t'April 2010 quddiem l-Assistenta Ġudizzjarja Dr. Barbara O'Brien, fol. 98.
33 Ara d-dokument esebit fol. 114
34 Ara x-xhieda ta' Xinping Ye tat-22 t'April 2010 quddiem l-Assistenta Ġudizzjarja Dr. Barbara O'Brien, fol. 100.
35 Ara d-dokumenti esebiti fol. 115 et seq.
36 Ara d-dokumenti esebit fol. 107 et seq.
37 Seduta tal-1 ta' Ġunju 2010, quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Barbara O' Brien, fol. 122
38 Ara x-xhieda tiegħu tat-8 t'Ottubru 2010, quddiem l-Assistenta Ġudizzjarja Dr. Barbara O.Brien, fol. 181.
39 Ara l-prospetti fol. 158 et seq.
40 Fol. 1008
41 Xhieda tal-attriċi tat-28 ta' Settembru 2011, quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Barbara O' Brien fol. 494.

xehdet l-attriċi[42] qalet li hija waqfet taħdem għax għamlet żewġ operazzjonijiet f'qalbha u rkupptejha u ma tiflaħx taħdem. Dawn l-operazzjonijiet saru f'Lulju 2014 u Awwissu 2014. *"Illum ma niflaħx naħdem, dejjem naqta' nifsi u ma niflaħx noqgħod fuq saqajja. Peress li negħleb 'il quddiem u ma niflaħx inżomm fuq saqajja ser jagħmluli testijiet u qed nistenna appuntament l-isptar."*

L-attriċi qed tipperċepixxi s-somma ta' cirka €400 kull erba' ġimgħat bħala pensjoni kontributorja.[43] Illi oltre l-mediċini li tingħata regolarment mill-Gvern, hija tixtri wkoll diversi mediċini minħabba l-kondizzjoni ta' saħħitha li hija tiddeskrivi bħala waħda serja fejn in-nervituri ta' ġisimha qegħdin ftit ftit jorqdu, b'dan illi tispiċċa mingħajr ebda saħħa.

Il-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenut għandu l-kapaċita' li jaħdem u dejjem irnexxielu jdawwar qliegħ medju. L-attriċi wkoll ħadmet kemm felħet biex tgħix hi u tgħajjex lil bintha meta l-konvenut ma kienx jgħaddilha flus. Il-Qorti temmen lill-attriċi meta tgħid li m'għadx għandha saħħa taħdem minħabba l-istat ta' saħħitha.

Tenut dan kollu, il-Qorti ser tgħaddi biex tvarja d-digriet tagħha tal-15 ta' Frar 2016 u qed tordna lill-konvenut jivversa lil martu s-somma ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar bħala manteniment għaliha, liema ammont qed jiġi ridott għal mitt Ewro (€100) fix-xahar sakemm l-attriċi tibqa' tgħix fid-dar matrimonjali. Dana qed jingħad peress illi hemm il-bżonn rejali li l-attriċi tkun kostretta li titlaq mill-istess dar stante l-possibilita' ta djun kbar ta' taxxa gravanti l-komunjoni tal-akkwisti. Fil-mument li l-attriċi tiġi hekk kostretta li titlaq mid-dar matrimonjali, allura l-konvenut jibda jgħaddilha l-manteniment sħiħ ta' mitejn Ewro kif hawnhekk ordnat.

### 3.2 <u>Dwar il-manteniment għall-minuri D</u>

Permezz ta' digriet ta' din il-Qorti ddatat il-15 ta' Marzu 2010[44], il-Qorti kienet ordnat lill-konvenut sabiex iħallas manteniment għal bintu fis-somma ta' mitt Ewro (€100) kull erba' ġimgħat. Illi dan il-manteniment ġie awmentat għas-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' ġimgħat permezz ta' digriet ieħor iddatat 21 ta' Diċembru 2011[45]. Mir-rikors għall-varjazzjoni tal-manteniment irriżulta, li meta għalqet it-tmintax-il sena, D issoktat bl-istudji tagħha fil-Higher Secondary.

---

[42] Fl-20 t'Ottubru 2014 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia,fol. 640

[43] Dokument fol. 1017

[44] Fol. 83

[45] Fol. 491

Meta reġgħet xehdet l-attriċi[46] hija qalet li D kien taħdem ġo supermarket u tieħu kors fil-għaxija l-Universita', pero`, ma kinitx taf jekk għadhiex tmur.

Fi kwalunkwe każ, fi Frar 2017 u cioe fi ftit jiem, D ser tagħlaq tlieta u għoxrin sena u għalhekk tilħaq l-eta` fejn il-ġenituri tagħha ma jibqgħux obbligati li jmantunha anke fl-eventwalita li hija tkun għadha studenta full time. Illi għalhekk m'hemmx iktar lok illi l-Qorti tiddeċiedi din it-talba u qed tastjeni minnha.

## 4. Dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 48, 51, 53 u 54 fil-konfront tal-konvenut

Permezz tar-raba' talba tagħha l-attriċi talbet illi dina l-Onorabbli Qorti tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti kollha jew *in parte* tal-Artikoli 48 et seq. tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-każ odjern, it-tortijiet imputabbli liż-żewġ partijiet huma komminati fl-Artikolu 40 u għalhekk il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax id-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 et seq. Dana b'differenza mill-każ meta l-firda personali tkun motivata mill-abbandun u l-adulterju, stante li dawn iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati mill-Qorti fil-konfront tal-konvenut/a, ai termini tal-istess Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

L-Artikolu 48 jistipula: ***48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***
***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[47];***
***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***
***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ,***

[46] Fl-20 t'Ottubru 2014 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia,fol. 640
[47] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

***għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***
***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.***

Il-Qorti għaldaqstant qed tiddikjara illi l-partijiet tilfu d-drittijiet ta' suċċessjoni fil-konfront ta' xulxin ai termini tal-Artikoli 631 u 633 tal-Kodiċi Ċivili;

## 5. Dwar it-Terminazzjoni u Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti

Formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, il-partijiet akkwistaw diversi **immobbli** matul iż-żwieġ. L-attriċi elenkat fl-affidavit tagħha[48] dawk l-immobbli li baqgħu tagħhom, mhux mibjugħa u cioe:

- Id-dar matrimonjali: 33, Triq San Ġlormu, Buġibba limiti ta' San Pawl il-Baħar.
- Nofs (1/2) indiviż tal-arja sovrastanti l-blokk ta' appartamenti uffiċjalment markat bin-numru 3 u jismu "My Nest", fi Triq il-Villeġġjatura, San Pawl il-Baħar.
- Il-ħanut 46, Rue d'Argens, Gżira
- L-appartament internament immarkat numru 2, fil-blokk numerat 46, Rue d'Argens il-Gżira.[49] Dan effettivament jidher illi nbiegħ fil-mori tal-kawża permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Bartolomeo Micallef iddatat 15 t'Ottubru 2009[50].
- L-appartament internament immarkat numru 4, fil-blokk jismu "Rainbow", Saqqajja Hill, Mdina.[51] Dan effettivament jidher illi nbiegħ fil-mori tal-kawża permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Bartolomeo Micallef iddatat 13 t'Awwissu 2010[52].

---

[48] Fol. 21
[49] Fix-xhieda tal-attriċi tal-11 ta' Marzu 2011, quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Barbara O' Brien, fol. 206, meta telenka l-propjetajiet li l-partijiet kien baqagħlhom, dan l-appartament ma jissemmiex. Lanqas ma ssemmih fis-seduta tal-20 t'Ottubru 2014 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia,fol. 640.
[50] Kopja tal-istess kuntratt tinsab esebita fol. 718 tal-proċess.
[51] Fix-xhieda tal-attriċi tal-11 ta' Marzu 2011, quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Barbara O' Brien, fol. 206, meta telenka l-propjetajiet li l-partijiet kien baqagħlhom, dan l-appartament ma jissemmiex. Lanqas ma ssemmih fis-seduta tal-20 t'Ottubru 2014 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 640.
[52] Kopja tal-istess kuntratt tinsab esebita fol. 648 tal-proċess.

- 2/3 indiviżi tal-appartament internament immarkat numru 2, Triq il-Knisja l-Qadima, ġewwa l-Manikata, limiti ta' San Pawl il-Baħar.[53] Dan effettivament jidher illi nbiegħ fil-mori tal-kawża permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Anton Borg iddatat 9 t'Awwissu 2013[54].

Bħala mobbli, l-attriċi, fl-affidavit tagħha, tgħid illi l-partijiet għandhom diversi **mobbli** fid-dar matrimonjali u fil-propjetajiet hawn fuq imsemmija kif ukoll żewġ vetturi tal-għamla Ford Mondeo, waħda minnhom bin-numru tar-reġistrazzjoni JDS-694. Fil-fatt, mix-xhieda tar-rappreżentant ta' Transport Malta[55] rriżultaw żewġ vetturi, u cioe Ford Mondeo bin-numru tar-reġistrazzjoni JDS694 li ġiet skrappjata fit-13 ta' Lulju 2011. Minflokha, fl-istess data ġiet reġistrata t-tieni vettura u cioe Suzuki Alto tas-sena 2011, bl-istess numru tar-reġistrazzjoni. It-tnejn huma ntestati f'isem il-konvenut.

<u>Bis-saħħa ta' din is-sentenza, il-Qorti qiegħda tordna illi l-mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali jiġu assenjati esklussivament lill-attriċi, fil-waqt illi l-vettura Suzuki Alto bin-numru tar-reġistrazzjoni JDS-694, tiġi assenjata esklussivament lill-konvenut.</u>

Il-partijiet kellhom ukoll **debitu** mal-HSBC Bank Malta p.l.c. li jammonta għal €106,101.86, oltre l-interessi, reż eżekuttiv permezz ta' ittra uffiċjali numru tmien mija wieħed u għoxrin tas-sena elfejn u tmienja (821/2008). Mill-istatement bankarju Dok. HSM. 12[56], jirriżulta li l-Bank beda proċeduri ta' subbasta bin-numru 50/2008. Jirriżulta wkoll li l-Bank għamel offerta *animo compensandi* fil-proċedura għas-subbasta. Illi mix-xiehda tal-konvenut[57], jirriżulta illi dejn mal-Bank ma fadal xejn, iżda baqa' biss id-dejn tat-taxxa kif ser jigħad.

Inoltre jirriżulta li l-partijiet għandhom kontijiet ta' taxxa pendenti. Il-konvenut jixhed li bil-multi amministrattivi u l-interessi dawn ilaħħqu id-€900,000. Pero' t-taxxa dovuta per se hija ta' €375,000.[58] Il-konvenut jallega li din it-taxxa hija marbuta mal-bejgħ tad-dar li kienu xtraw fil-

[53] Fix-xhieda tal-attriċi tal-20 t'Ottubru 2014 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 640, din il-propjeta', m'hijiex elenkata.
[54] Kopja tal-istess kuntratt tinsab esebita fol. 677 tal-proċess.
[55] Xhieda ta' Stephen Cachia tal-5 ta' Diċembru 2011, quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Barbara O' Brien, fol. 476.
[56] Fol. 460
[57] Seduta tal-15 ta' Ġunju 2015 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 982.
[58] Ara x-xhieda tiegħu tat-12 t'Ottubru 2010, quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Barbara O' Brien, fol. 186

Mellieħa u biegħuha wara ftit taż-żmien. Mill-kont tat-taxxa ddatat id-19 ta' Frar 2010[59] din it-taxxa dovuta tmur lura għas-snin bejn l-2001 u l-2006. Mill-Avviżi ta' likwidazzjoni[60] jirriżulta li t-taxxa mitluba m'hijiex marbuta biss mal-bejgħ u x-xiri tal-propjeta' iżda wkoll man-negozju.

**Vincent Bonello**, *accountant* u awditur[61] qed jipprova jgħin lill-konvenut iħoll din il-problema kbira ta' kontijiet ta' taxxa. Huwa qal li ilu jaf lill-konvenut mill-2010 fejn mar għandu biex jitolbu l-għajnuna dwar l-istess kontijiet. Huwa talbu diversi dokumenti sabiex ikun jista' jgħinu. Huwa ma kienx jaf jekk il-konvenut ħax ħsieb jippreżenta l-formoli tat-taxxa kull sena u jekk għamilx oġġezzjoni għall-kontijiet li kienu jintbagħtu lilu.

L-attriċi tgħid li hija ma kinitx involuta fil-mili tal-formoli tat-taxxa. Żewġha kien imur għand l-*accountant* flimkien ma' oħtha u r-raġel tagħha. Hija lanqas biss kienet taf min hu l-*accountant*. Saret taf bil-kont tat-taxxa meta bdiet il-kawża tas-separazzjoni. *"Ir-raġel kien jgħidli biex niffirma l-formola tat-taxxa qabel jimliha u qatt m'urihieli. Jien kont niffirma qabbel għax kont inkun mgħaġġla għax-xogħol u niffirma."*[62]

Min-naħa tiegħu il-konvenut jgħid li l-kontijiet tat-taxxa telgħu għaliex martu kienet tarmilu l-karti tax-xogħol.[63] Fl-istess seduta huwa kkonferma wkoll li huwa appella mill-istess kontijiet u li l-każ kien qed jinstema' l-Qorti mill-Maġistrat Gabriella Vella.[64]

Dwar dan id-debitu, l-Qorti tinnota li kien ta' min kien it-tort għalfejn inħarġu l-imsemmija kontijiet, id-debitu jibqa' wieħed illi sar fiż-żwieġ. Il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet għadha viġenti sal-lum u għalhekk l-istess debitu, se mai jirriżulta, jinkombi liż-żewġ partijiet b'mod ugwali.

L-attriċi tallega li hija għandha wkoll debitu parafernali ta' Lm20,000 (illum ekwivalenti għal €46,587.47) li kienet ġemmgħet meta kienet xebba. Dawna allegatament intużaw in kwantu għal Lm2,000 li tħallsu bħala rigal għall-ħanut tal-Ħamrun, Lm12,000 biex inxtrat propjeta' fi Triq il-Villeġġjatura, San Pawl il-Baħar u Lm6,000 biex inxtrat il-propjeta' fl-Imsida. Hija titlob li din is-somma tiġi rifuża lilha. Dwar dan id-debitu

[59] Fol. 201 et seq.

[60] Fol. 232 et seq.

[61] Xhieda tas-26 ta' Mejju 2011, quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Barbara O'Brien, fol. 267.

[62] Xhieda tal-attriċi tat-28 ta' Settembru 2011, quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Barbara O' Brien fol. 494.

[63] Xhieda tal-konvenut fis-seduta tal-14 ta' Ġunju 2013 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 530

[64] Fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2015, huwa kkonferma illi l-każ quddiem il-Maġistrat Gabriella Vella kien għadu pendenti.

parafernali, il-konvenut ma jikkontradixxiex lill-attriċi. <u>Għalhekk il-Qorti qiegħda tiddikjara illi l-attriċi għandha kreditu parafernali ta' €46,587.47.</u>

<u>Illi għaldaqstant il-Qorti qiegħda tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti sal-lum viġenti bejn il-partijiet, u tillikwidaha kif ġej:</u>

It-tliet propjetajiet immobbli li għad baqa' fil-komunjoni tal-akkwisti u cioe

- Id-dar matrimonjali: 33, Triq San Ġlormu, Buġibba limiti ta' San Pawl il-Baħar.
- Nofs (1/2) indiviż tal-arja sovrastanti l-blokk ta' appartamenti uffiċjalment markat bin-numru 3 u jismu "My Nest", fi Triq il-Villeġġjatura, San Pawl il-Baħar.
- Il-ħanut 46, Rue d'Argens, Gżira

għandhom jibqgħu komuni bejn il-partijiet. Il-Qorti m'għandhiex in atti stima ta' dawn il-propjetatijiet u għalhekk qiegħda taħtar lill-Perit Arkitett Alan Saliba u tordnalu sabiex iżomm aċċess fl-imsemmija propjetajiet, jivvalutahom fl-istat attwali tagħhom u jippreżenta l-istess valutazzjoni tiegħu, fi żmien xahar mil-lum, fl-atti ta' dan il-proċess.

L-arja u l-ħanut għandhom immedjatament jitpoġġew għall-bejgħ fuq is-suq miftuħ b'dan illi ħadd mill-partijiet ma jista' jirrifjuta li jersaq għall-konvenju u għall-kuntratt finali tal-bejgħ tal-istess propjetajiet, kemm-il darba jinstab akkwirent li jkun joffri l-prezz tagħhom kif stabbilit mill-Perit nominat mill-Qorti. Jekk fi żmien sentejn, ma jinstabx il-bejgħ tal-propjeta fis-suq miftuħ, kull parti tkun tista' titlob il-bejgħ tal-istess propjeta` b'subbasta.

Għal kull buon fini, il-Qorti qiegħda tinnomina lil Dottor Rachel Mallia bħala Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv u lill-Avukat Dr Patrick Valentino u il-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi bħala kuraturi għall-eventwali kontumaċi.

Ir-rikavat mill-bejgħ tal-istess propjeta' għandu jiġi merfugħ mill-partijiet sabiex jitħallas id-Dipartiment tat-Taxxi Interni, akkont jew għas-saldu, tas-somma mitluba minnu meta l-istess somma tiġi kanonizzata permezz ta' sentenza tat-Tribunal appożitu.

Jekk jibqa' xi rikavat mill-bejgħ tal-istess propjetajiet, wara li jitħallas l-istess Dipartiment, l-ewwel l-attriċi titħallas l-ammont parafernali lilha dovut, u jekk jibqa', jiġi maqsum b'mod ugwali bejn il-partijiet.

Min-naħa l-oħra, jekk ir-rikavat mill-bejgħ ma jabbastax biex jiġi saldat id-debitu mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, allura, l-partijiet jgħaddu għall-bejgħ tad-dar li sal-lum hija d-dar matrimonjali fuq is-suq miftuħ, b'dan illi ħadd mill-partijiet ma jista' jirrifjuta li jersaq għall-konvenju u għall-kuntratt finali tal-bejgħ tal-istess dar, kemm-il darba jinstab akkwirent li jkun joffri l-prezz tagħha kif stabbilit mill-Perit nominat mill-Qorti. Jekk fi żmien sentejn, ma jinstabx il-bejgħ tad-dar fis-suq miftuħ, kull parti tkun tista' titlob il-bejgħ tal-istess propjeta` b'subbasta.

Għal kull buon fini, il-Qorti qiegħda tinnomina lil Dottor Rachel Mallia bħala Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv u lill-Avukat Patrick Valentino u Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi bħala kuraturi għall-eventwali kontumaċi.

Jekk jibqa' xi rikavat mill-bejgħ tal-istess dar, wara li jitħallas l-istess Dipartiment, l-ewwel l-attriċi titħallas l-ammont parafernali lilha dovut, u jekk jibqa', jiġi maqsum b'mod ugwali bejn il-partijiet.

Fl-eventwalita` li ma jkunx hemm il-ħtieġa tal-bejgħ tad-dar matrimonjali sabiex jiġi saldat id-debitu mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, allura l-istess dar tibqa' propjeta' komuni bejn il-partijiet, salv dak illi sejjer jingħad fil-paragrafu 6. Dwar id-Dar Matrimonjali. Meta u jekk eventwalment tinbiegħ, l-ewwel l-attriċi titħallas l-ammont parafernali lilha dovut, u jekk jibqa', jiġi maqsum b'mod ugwali bejn il-partijiet.

## 6. Dwar id-Dar Matrimonjali

Illi fl-ewwel lok, mil-lum, id-dar innumerata 33, Triq San Ġlormu, Buġibba limiti ta' San Pawl il-Baħar, m'għandhiex iktar titqies bħala id-dar matrimonjali tal-partijiet.

Ir-rikorrenti qiegħda titlob li hija tkun awtorizzata tirrisjedi fl-istess dar, flimkien ma' bintha, iżda bl-esklużjoni tal-intimat. Il-konvenut kien diġa ġie ordnat sabiex *pendente lite* jallontana ruħu mid-dar matrimonjali, permezz ta' digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Settembru 2009[65]. Effettivament huwa m'għadux jirrisjedi fl-istess dar u dan in ottemporanza mal-ordni tal-Qorti.

[65] Fol. 57

Tenut kont tas-sofferenza kkawżata lill-attriċi minn żewġha u tal-istat tas-saħħa tagħha, il-Qorti hija tal-fehma illi l-attriċi għandha tibqa' tirrisjedi fl-istess dar ġja d-dar matrimonjali **<u>sakemm (u jekk)</u>** ikun hemm il-ħtieġa li d-dar tinbiegħ sabiex jiġi ssaldat id-dejn tal-komunjoni tal-akkwisti kif ġja ingħad.

Il-Qorti għaldaqstant qed takkorda lir-rikorrenti A S B dritt t'abitazzjoni fl-imsemmija dar u cioe 33, Triq San Ġlormu, Buġibba limiti ta' San Pawl il-Baħar, *vita durante,* (salv għall-eventwalita' tal-ħtieġa tal-bejgħ tad-dar sabiex jiġi ssaldat id-dejn tat-taxxa) bil-kondizzjoni li fl-istess fond hija awtorizzata tirrisjedi biss hi u d-dixxendenti tagħha u ebda terz ieħor. Ir-rikorrenti ma tistax tuża l-post biex tipperċepixxi dħul, iżda biss bħala residenza għaliha. Id-dritt t'abitazzjoni jiġi terminat f'każ illi xi waħda minn dawn il-kondizzjonijiet tiġi miksura jew jekk ir-rikorrenti tiddeċiedi li tirrinunzja għall-istess dritt, anke b'mod taċitu billi tmur tirrisjedi f'post ieħor, eskluż temporanjament fi sptar, iżda inkluż dar tal-anzjani, b'dan illi ladarba hija hekk tirrinunzja, tali rinunzja tkun irrevokabbli u r-rikorrenti ma jkollhiex dritt li terġa' tidħol tirrisjedi fl-imsemmi fond mill-ġdid.

Ir-rikorrenti ma tikkumpensax lill-konvenut għall-abitazzjoni tagħha fil-fond, iżda sakemm hija tibqa' tirrisjedi hemmhekk, huwa jgawdi minn tnaqqis tal-manteniment li jħallas lil martu, kif diġa ingħad.

Jekk ikun hemm il-ħtieġa tal-bejgħ tad-dar, kif ġja ingħad, l-attriċi tkun obbligata li tiżgombra minnha immedjatament mal-att finali tal-bejgħ. Sakemm tibqa' tirrisjedi fl-imsemmija dar, l-attriċi esklussivament tħallas għas-servizzi relatati magħha bħalma huma d-dawl u l-ilma u tkun ukoll responsabbli għall-manutenzjoni ordinarja tal-istess dar. Ir-rikorrenti għandha taċċerta illi d-dar tinżamm fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u ma titħalliex agħar milli hija llum. Il-partijiet ikunu ugwalment responsabbli għall-manutenzjoni straordinarja li tista' tinħtieġ id-dar.

## 7. <u>Dwar kunjom l-attriċi</u>

Ir-rikorrenti titlob il-Qorti l-awtorizzazzjoni sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha. Il-Qorti tilqa' din it-talba ai termini tal-Artikolu 62(1) tal-Kodiċi Ċivili.

**DEĊIDE**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B, bi ħtijiet imputabbli inkwantu għal żewġ terzi lill-konvenut u terz lill-attriċi;

[2] Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba tar-rikorrenti;

[3] Tilqa' it-tielet talba tar-rikorrenti limitatament għal dak li jirrigwarda l-manteniment tal-attriċi u konsegwentement tordna lill-konvenut jivversa lill-attriċi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar bħala manteniment għaliha, liema ammont qed jiġi ridott għal mitt Ewro (€100) fix-xahar sakemm l-attriċi tibqa' tgħix fid-dar matrimonjali; Tastjeni milli tieħu iktar konjizzjoni tat-talba ta' manteniment għal bint il-partijiet;

[4] Tilqa' r-raba' talba attriċi u konsegwentement tiddikjara illi l-partijiet tilfu d-drittijiet ta' suċċessjoni fil-konfront ta' xulxin ai termini tal-Artikoli 631 u 633 tal-Kodiċi Ċivili;

[5] Tilqa' l-ħames talba tal-attriċi u filwaqt li tiddikjara l-komunjoni tal-akkwisti xolta b'effett mill-preżenti, tillikwidaha u tiddividiha skont il-provvedimenti tal-paragrafu 5. Dwar il-Komunjoni tal-Akkwisti;

[6] Tilqa' is-sitt talba attriċi u takkorda lir-rikorrenti dritt t'abitazzjoni fid-dar ġja d-dar matrimonjali skond il-provvedimenti mogħtija fil-paragrafu 6. Dwar id-Dar Matrimonjali;

[7] Tilqa' s-seba' talba attriċi u tawtorizza lil-attriċi tirriverti għal kunjom xbubitha;

Bl-ispejjeż tal-preżenti, inkluż l-ispejjeż tal-Perit Arkitett Alan Saliba nominat iktar 'il fuq f'din is-sentenza, jiġu sapportati in kwantu għal terz mill-attriċi u żewġ terzi mill-konvenut.

L-ispejjeż u d-drittijiet Notarili relatati mat-trasferiment tal-propjeta' komuni bejn il-partijiet, jkunu sapportati miż-żewġ partijiet f'ishma ugwali.

L-ispejjeż tal-Avukat Dr. Patrick Valentino u Il-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi nominati iktar ‘il fuq f’din is-sentenza għall-eventwali kontumaċi, jitħallsu skont il-liġi.